

Emenda 220

Véronique Trillet-Lenoir, Nicolae Ștefănuță
f'isem il-Grupp Renew

Rapport**A9-0196/2020****Cristian-Silviu Bușoi**

Programm ta' azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa għall-perjodu 2021-2027 ("il-Programm l-UE għas-Saħħa")
(COM(2020)0405 – C9-0152/2020 – 2020/0102(COD))

Proposta għal regolament**Premessa 10***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

(10) Minħabba n-natura serja tat-theddid transfruntier għas-saħħa, jenħtieġ li l-Programm jappoġġa miżuri tas-saħħa pubblika kkoordinati fil-livell tal-Unjoni biex jindirizzaw aspetti differenti tat-tali theddid. Sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tal-Unjoni li tħejji **għall-kriżijiet** tas-saħħa, li tirrispondi għalihom u li timmaniġġjahom, jenħtieġ li l-Programm jipprovdi appoġġ għall-azzjonijiet meħuda fil-qafas tal-mekkaniżmi u l-istrutturi stabbiliti bid-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰ u mekkaniżmi u strutturi rilevanti oħra stabbiliti fil-livell tal-Unjoni. Dan jista' jinkludi l-ħżin strateġiku ta' provvisti mediċi essenzjali jew il-bini ta' kapaċità fir-rispons għall-kriżi, miżuri preventivi relatati mat-tilqim u l-immunizzazzjoni, **u** programmi ta' sorveljanza msaħħa. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li l-Programm, fl-Unjoni kollha u fost is-setturi kollha, irawwem prevenzjoni għall-kriżijiet, it-tħejjija, sorveljanza, ġestjoni u kapaċità għar-rispons fl-atturi tal-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-Unjoni, inkluż ippjanar ta' kontinġenza u eżerċizzji ta' tħejjija, filwaqt li jimplementaw **l-approċċ** "Saħħa Waħda". Jenħtieġ li dan jiffaċilita t-twaqqif ta' qafas integrat u trażversali għall-komunikazzjoni tar-riskju fil-fażijiet kollha ta' kriżi tas-saħħa — il-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons.

(10) Minħabba n-natura serja tat-theddid transfruntier għas-saħħa, jenħtieġ li l-Programm jappoġġa miżuri tas-saħħa pubblika kkoordinati fil-livell tal-Unjoni, **kif ukoll bejn ir-reġjuni ġirien** biex jindirizzaw aspetti differenti tat-tali theddid. Sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tal-Unjoni li tħejji **għal kwalunkwe kriżi** tas-saħħa **futura**, li tirrispondi għalihom u li timmaniġġjahom, jenħtieġ li l-Programm jipprovdi appoġġ għall-azzjonijiet meħuda fil-qafas tal-mekkaniżmi u l-istrutturi stabbiliti bid-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰ u mekkaniżmi u strutturi rilevanti oħra stabbiliti fil-livell tal-Unjoni. Dan jista' jinkludi l-ħżin strateġiku ta' provvisti mediċi essenzjali jew il-bini ta' kapaċità fir-rispons għall-kriżi, miżuri preventivi relatati mat-tilqim u l-immunizzazzjoni, programmi ta' sorveljanza msaħħa, **informazzjoni dwar is-saħħa, u pjattaformi biex jiġu kondiviżi l-aħjar Prattiki**. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li l-Programm, fl-Unjoni kollha u fost is-setturi kollha, irawwem prevenzjoni għall-kriżijiet, it-tħejjija, sorveljanza, ġestjoni u kapaċità għar-rispons fl-atturi tal-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-Unjoni, inkluż ippjanar ta' kontinġenza u eżerċizzji ta' tħejjija, filwaqt li jimplementaw **l-approċċi** "Saħħa Waħda" **u "Saħħa fil-politiki kollha"**. Jenħtieġ li dan jiffaċilita t-

twaqqif ta' qafas integrat u trażversali
għall-komunikazzjoni tar-riskju fil-fażijiet
kollha ta' kriżi tas-saħħa – il-prevenzjoni,
it-tnejnija u r-rispons.

¹⁰ Id-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE (ĠU L 293, 5.11.2013, p. 1).

¹⁰ Id-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE (ĠU L 293, 5.11.2013, p. 1).

Or. en

4.11.2020

A9-0196/221

Emenda 221

Nicolae Ștefănuță, Véronique Trillet-Lenoir
f'isem il-Grupp Renew

Rapport

A9-0196/2020

Cristian-Silviu Bușoi

Programm ta' azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa għall-perjodu 2021-2027 ("il-Programm l-UE għas-Saħħa")
(COM(2020)0405 – C9-0152/2020 – 2020/0102(COD))

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2) I-iżgurar tad-disponibbiltà fl-Unjoni tar-riżervi jew tal-ħażniet tal-prodotti rilevanti għall-kriżi, u **ta'** riżerva ta' persunal mediku, tal-qasam tal-kura tas-saħħa u ta' appoġġ li jista' jiġi mmobilizzat f'każ ta' kriżi;

(2) I-iżgurar tad-disponibbiltà fl-Unjoni tar-riżervi jew tal-ħażniet tal-prodotti rilevanti għall-kriżi, u **azzjonijiet ta' appoġġ li jippermettu** riżerva ta' persunal mediku, tal-qasam tal-kura tas-saħħa u ta' appoġġ li jista' jiġi mmobilizzat f'każ ta' kriżi, **bħal persunal tal-Korp Mediku Ewropew, inkluż billi jitjieb it-taħriġ tal-professjonisti tas-saħħa u jiġi aġġornat l-għarfien tagħhom;**

Or. en